KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fl-14 ta' Ottubru 2021 [1]

Kawżi magħquda C-428/21 PPU u C-429/21 PPU

HM (C-428/21 PPU)
TZ (C-429/21 PPU)
fil-preżenza ta':
Openbaar Ministerie

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 27(3)(g) u (4) – Talba għall-kunsens għall-estensjoni tar-reati – Artikolu 28(3) – Talba għall-kunsens għall-konsenja sussegwenti – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata – Post ta' eżerċizzju ta' dan id-dritt – Modalitajiet"

I. Introduzzjoni

1. Iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari mir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) jikkonċernaw, essenzjalment, il-modalitajiet ta' applikazzjoni tad-dritt għal smigħ għal persuna kkonsenjata lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru wara l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew (MAE) fil-kuntest, fl-ewwel kawża, ta' talba għal kunsens mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għall-estensjoni tar-reati fis-sens tal-Artikolu 27(3)(g) u (4) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI [2] u, fit-tieni waħda, ta' talba għall-kunsens minn din l-awtorità ġudizzjarja għall-konsenja sussegwenti, fis-sens tal-Artikolu 28(3) ta' din id-deċiżjoni qafas [3].

2. B'mod iktar partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija msejħa biex tiddeċiedi f'liema Stat Membru u taħt liema modalitajiet persuna kkonsenjata wara MAE tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha qabel ma l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tagħti l-kunsens addizzjonali tagħha, mistoqsijiet

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584").

[3] Infakkar li l-kunsens għall-estensjoni tar-reati jew għall-konsenja sussegwenti (iktar 'il quddiem, mingħajr distinzjoni, il-"kunsens addizzjonali") huwa waħda mill-eċċezzjonijiet għar-regola li bis-saħħa tagħha persuna li kienet ġiet ikkonsenjata ma tistax tiġi mfittxija, ikkundannata jew imċaħħda mil-libertà għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha għajr dak li kien ir-raġuni li mmotiva l-konsenja tagħha (iktar 'il quddiem ir-"regola tal-ispeċjalità").

li ma jsibux tweġiba espliċita fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jew f'leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni. Għalhekk, il-kwistjoni ewlenija f'dawn il-kawżi hija li jiġu speċifikati l-portata u l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' dan id-dritt ta' smigħ, billi jinstab bilanċ bejn, minn naħa, l-effettività tal-mekkaniżmu tal-MAE, li huwa bbażat prinċipalment fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, u, min-naħa l-oħra, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonsenjata.

3. Wara l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, moqrija fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), ser nasal għall-konklużjoni li, l-ewwel u qabel kollox, persuna kkonsenjata għandha d-dritt għal smigħ qabel ma l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tagħti l-kunsens addizzjonali tagħha; imbagħad, dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat vis-à-vis l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni u skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, u jista' jiġi eżerċitat jew fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jew fl-Istat Membru emittenti; u, fl-aħħar nett, dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat skont modalitajiet miftiehma b'mod reċiproku bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti u tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli, sakemm l-eżerċizzju effettiv tiegħu jiġi żgurat.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni: id-Deċiżjoni Qafas 2002/584

4. Il-premessi 5, 6, 10 u 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huma fformulati kif ġej:

"(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u jbiddlu b'sistema ta' ċediment bejn awtoritajiet ġudizzjarji. 'Il fuq minn dan, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata ta' ċediment ta' persuni mogħtija sentenza jew suspettati għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni jew prosekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jagħmel possibbli t-tneħħija tal-komplessità u potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' koperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu mibdula b'sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tinata' s-sentenza kif ukoll dawk finali, ġo żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(6) Il-[MAE] previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew irrefera għalih bħala l-'punt ta' referenza' tal-koperazzjoni ġudizzjarja.

[…]

(10) Il-mekkaniżmu tal-[MAE] hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' vjolazzjoni serja u persistenti minn wieħed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tat-[TUE], determinati mill-Kunsill skond l-artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tiegħu.

[…]

(12) Din id-Deċiżjoni Kwadru hi in konformità mad-drittijiet fondamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-[TUE] u riflessi fil-[Karta], partikolarment il-Kapitolu VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Kwadru ma jista' jiġi interpretat bħala projbizzjoni tat-tiċħid ta' ċediment ta' persuna għal liema [MAE] Ewropew ġie maħruġ meta hemm raġunijiet biex jitwemmen, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, li l-mandat ta' arrest imsemmi ġie maħruġ għall-iskop tal-prosekuzzjoni jew kastig ta' persuna fuq ir-raġunijiet tas-sess, razza, oriġini etnika, nazzjonalità, ilsien, opinjoni politika jew orjentazzjoni sesswali, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna jista' jiġi ppreġudikat għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet."

5. L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Definizzjoni tal-[MAE] u l-obbligazzjoni li jiġi esegwit", jipprovdi:

"1. [MAE] hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe [MAE] fuq il-bażi tal-priċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligazzjoni għar-rispett ta' drittijiet fondamentali u prinċipji legali fondamentali kif miġbur fl-Artikolu 6 tat-[TUE]."

6. L-Artikoli 3 sa 4a tad-deċiżjoni qafas imsemmija jipprovdu raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja jew fakultattiva tal-MAE mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni.

7. Il-Kapitolu 2 tal-istess deċiżjoni qafas, intitolat "Proċedura ta' ċediment", jinkludi fih l-Artikoli 9 sa 25.

8. L-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, intitolat "Drittijiet ta' persuna rikjesta", jgħid:

"1. Meta persuna rikjesta hi arrestata, l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi kompetenti għandha, skond il-liġi nazzjonali tagħha, tinforma dik il-perusna tal-mandat ta' arrest Ewropew u tal-kontenut tiegħu, u wkoll tal-possibbiltà li tikkunsenta għaċ-ċediment lill-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat.

2. Persuna rikjesta li hi arrestata għall-iskop ta' l-eżekuzzjoni ta' [MAE] għandha jkollha d-dritt li tkun assistita minn avukat u minn interpretatur skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru li jesegwixxi."

9. L-Artikolu 13 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Kunsens għal ċediment" jipprevedi:

"1. Jekk il-persuna arrestata tindika li tikkunsenta għaċ-ċediment, dak il-kunsens u, jekk xieraq, renunzja espressa ta' intitolament għar-'regola ta' l-ispeċjalità', msejħa fl-Artikolu 27(2), għandha tiġi mogħtija quddiem l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi, skond il-liġi domestika ta' l-Istat Membru li jesgwixxi.

2. Kull Stat Membru għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-kunsens u, fejn xieraq, ir-renunzja, kif imsejħin fil-paragrafu 1, huma stabbiliti f'tali mod li juri li l-persuna in kwistjoni

tathom volontarjament u f'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak l-iskop, il-persuna rikjesta għandha jkollha d-dritt għal avukat.

3. Il-kunsens u, fejn xieraq, ir-renunzja, kif imsejħin fil-paragrafu 1, għandhom ikunu rreġistrati formalment skond il-proċedura stabbilita mil-liġi domestika ta' l-Istat Membru li jesegwixxi.

[…]"

10. L-Artikolu 14 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Is-smigħ tal-persuna rikjesta", jgħid dan li ġej:

"Fejn il-persuna arrestata ma tagħtix kunsens għaċ-ċediment tagħha kif imsejħa fl-Artikolu 13, il-persuna għandha tkun intitolata li tinstema' mill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jesgwixxi."

11. L-Artikolu 15 tal-istess deċiżjoni qafas, intitolat "Deċiżjoni ta' ċediment", jgħid:

"1. L-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi għandha tiddeċiedi, fil-limiti tal-ħin u taħt il-kondizzjonijiet definiti f'din id-Deċiżjoni Kwadru, jekk il-persuna għandhiex tiġi ċeduta.

2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru li joħroġ il-mandat mhuwiex suffiċjenti biex tħalli li tiddeċiedi fuq iċ-ċediment, għandha titlob li l-informazzjoni meħtieġa supplementarja, partikolarment fir-rigward ta' l-Artikoli 3 sa 5 u l-Artikolu 8, tiġi mogħtija bħala kwistjoni ta' urġenza u tista' tistabbilixxi limitu tal-ħin għar-riċeviment tagħha, waqt li tittieħed in konsiderazzjoni l-ħtieġa li jkunu mħarsin il-limiti tal-ħin stabbiliti fl-Artikolu 17.

3. L-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tista' fi kwalunkwe ħin tibgħat kwalunkwe informazzjoni utli addizjonali lill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi."

12. L-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, intitolat "Sitwazzjoni pendenti d-deċiżjoni", jipprevedi:

"1. Fejn il-[MAE] ġie maħruġ għall-iskop tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali, l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi għandha:

a) jew taqbel li l-persuna rikjesta għandha tinstema' skond l-Artikolu 19;

b) jew taqbel għat-trasferiment temporanju tal-persuna rikjesta.

2. Il-kondizzjonijiet u t-tul tat-trasferiment temporanju għandhom ikunu stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji li jesegwixxu u dawk li joħorġu l-mandat.

3. Fil-każ ta' trasferiment temporanju, il-persuna għandha tkun tista' tirritorna lill-Istat Membru li jesegwixxi sabiex tattendi seduti dwarha bħala parti mill-proċedura ta' ċediment."

13. L-Artikolu 19 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Is-smigħ tal-persuna pendenti d-deċiżjoni" jgħid, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' minn awtorità ġudizzjarja, assistita minn persuna oħra nominata skond il-liġi ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjedenti.

2. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jesgwixxi u bil-kondizzjonijiet stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji li joħorġu u dawk li jesegwixxu l-mandat."

14. Il-Kapitolu 3 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Effetti taċ-ċediment", jinkludi l-Artikoli 26 sa 30.

15. L-Artikolu 27 tal-istess deċiżjoni qafas, intitolat "Prosekuzzjoni possibbli għal offiżi oħra", jgħid:

"1. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħra li taw l-istess notifikazzjoni, il-kunsens hu kkunsidrat li ġie mogħti għall-prosekuzzjoni, l-għoti ta' sentenza jew d-detenzjoni bil-għan li tiġi esegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tiegħu jew tagħha, barra dak għal liema hu jew hi kien ġie ċedut jew ġiet ċeduta, sakemm f'każ partikolari l-awtorità ġudizzjaraja li tesegwixxi tiddikjara mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha fuq iċ-ċediment.

2. Ħlief fil-każijiet imsejħin fil-paragrafi 1 u 3, persuna ċeduta ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew f'xi mod ieħor miċħuda mil-libertà tiegħu jew tagħha għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tiegħu jew tagħha barra dik għal liema l-persuna kienet ġiet ċeduta.

3. Il-paragrafu 2 ma japplikax għall-każijiet li ġejjin:

a) meta l-persuna wara li kien kellha opportunità biex titlaq mit-territorju ta' l-Istat Membru lil liema ġiet ċeduta ma għamlitx hekk fiż-żmien ta' 45-il ġurnata mir-rilaxx finali tagħha, jew ritornat għal dak it-territorju wara li telqet minnu;

b) l-offiża mhijiex punibbli minn sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni;

c) il-proċeduri kriminali ma jikkawżawx l-applikazzjoni ta' miżuri li hi ta' restrizzjoni għal-libertà persunali;

d) meta l-persuna setgħet tkun suġġetta għal piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà persunali, partikolarment piena finanzjarja jew miżura minflok din, ukoll jekk il-piena jew miżura tista' tikkawża restrizzjoni tal-libertà persunali tal-persuna;

e) meta l-persuna tat il-kunsens biex tiġi ċeduta, fejn xieraq fl-istess ħin li l-persuna rrinunzjat għar-regaola ta' l-ispeċjalità, skond l-Artikolu 13;

f) meta l-persuna, wara ċ-ċediment tagħha, rrinunzjat espressament l-intitolament għar-regola ta' l-ispeċjalità fir-rigward ta' offiżi speċifiċi qabel iċ-ċediment tagħha. Ir-renunzja għandha tiġi mogħtija quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' l-Istat membru li joħroġ il-mandat u għandha tkun reġistrata skond il-liġi domestika ta' dak l-Istat. Ir-renunzja

għandha tkun magħmula f'tali mod li jkun magħmul ċar li l-persuna għamlitha volontarjament u f'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak l-iskop, il-persuna għandha jkollha d-dritt għal avukat;

g) fejn l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi li ċediet il-persuna tagħti il-kunsens tagħha skond il-paragrafu 4.

4. Talba għal kunsens għandha jiġi mogħtija lill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi, flimkien ma' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) u traduzzjoni kif imsejħa fl-Artikolu 8(2). Il-kunsens għandu jkun mogħti meta l-offiża għal liema hu mitlub hi stess hi suġġetta għaċ-ċediment skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-kunsens għandu jiġi rrifjutat fuq ir-raġunijiet imsejħin fl-Artikolu 3 u barra minn hekk jista' jiġi rrifjutat biss fuq ir-raġunijiet imsejħin fl-Artikolu 4. Id-deċiżjoni għandha tiġi meħuda mhux iktar tard minn 30-il ġurnata wara r-riċevuta tat-talba.

Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 l-Istat Membru li joħroġ il-mandat għandu jagħti l-garanziji previsti ġo fih."

16. L-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, intitolat "Ċediment jew estradizzjoni sussegwenti", jipprovdi:

"1. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħra li taw l-istess notifikazzjoni, il-kunsens għaċ-ċediment ta' persuna lil Stat Membru barra l-Istat Membru li jesegwixxi skond mandat ta' arrest Ewropew li ġie maħruġ għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tal-persuna hu kkunsidrat bħalikieku ġie mogħti, kemm-il darba f'każ partikolari l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi tiddikjara mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha dwar iċ-ċediment.

2. Fi kwalunkwe każ, persuna li ġiet ċeduta lil Stat Membru li joħroġ mandat skond [MAE] tista', mingħajr il-kunsens ta' l-Istat Membru li jesegwixxi, tiġi ċeduta lil Stat Membru barra l-Istat Membru li jesegwixxi skond [MAE] maħruġ għal kwalunkwe offiża mwettqa qabel il-konsenja tal-persuna fil-każijiet li ġejjin:

a) fejn il-persuna rikjesta, wara li kien kellha opportunità biex titlaq mit-territorju ta' l-Istat Membru li fih kienet ġiet ċeduta, ma għamlitx hekk fi 45-il ġurnata mir-rilaxx finali tagħha, jew irritornat lejn dak it-territorju wara li telqet minnu;

b) fejn il-persuna rikjesta tagħti kunsens biex tiġi ċeduta lil Stat Membru barra l-Istat Membru li jesegwixxi skond [MAE]. Il-kunsens għandu jiġi mogħti quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' l-Istat Membru li joħroġ u għandu jkun reġistrat skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat. Għandu jkun magħmul f'tali mod li jkun magħmul ċar li l-persuna in kwistjoni tatu volontarjament u f'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak l-iskop, il-persuna rikjesta għandha jkollha d-dritt għal avukat;

c) fejn il-persuna rikjesta mhijiex suġġetta għar-regola ta' l-ispeċjalità, skond l-Artikolu 27(3)(a), (e), (f) u (g).

3. L-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi tagħti l-kunsens għaċ-ċediment lil Stat Membru ieħor skond ir-regoli li ġejjin:

a) it-talba għal kunsens għandha tiġi mogħtija skond l-Artikolu 9, flimkien ma' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) u traduzzjoni kif iddikjarat fl-Artikolu 8(2);

b) il-kunsens għandu jiġi mogħti meta l-offiża għal liema hu mitlub hi stess hi suġġetta għal ċediment skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru;

c) id-deċiżjoni għandha tittieħed mhux iktar tard minn 30-il ġurnata wara r-riċevuta tat-talba;

d) il-kunsens għandu jiġi rrifjutat fuq ir-raġunijiet imsejħa fl-Artikolu 3 u barra minn hekk jista' jiġi rrifjutat biss fuq ir-raġunijiet imsejħa fl-Artikolu 4.

Għas-sitwazzjonijiet imsejħa fl-Artikolu 5, l-Istat Membru li joħroġ il-mandat għandu jagħti l-garanziji previsti f'dan.

4. Minkejja l-paragrafu 1, persuna li ġiet ċeduta skond mandat ta' arrest Ewropew m'għandhiex tkun estradita lil Stat terz mingħajr il-kunsens ta' awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li kkonsenja l-persuna. Dan il-kunsens għandu jkun mogħti skond il-Konvenzjonijiet minn liema dak l-Istat Membru hu marbut, kif ukoll il-liġi domestika tiegħu."

B. Id-dritt Olandiż

17. L-Overleveringswet (il-Liġi dwar il-Konsenja), tad-29 ta' April 2004[4], tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fid-dritt Olandiż.

18. L-Artikolu 14 tal-Liġi dwar il-Konsenja, li jifforma parti mill-Kapitolu II, intitolat "Konsenja mill-Pajjiżi l-Baxxi", Taqsima 1, intitolata "Kundizzjonijiet għall-konsenja", li jittrasponi, fil-paragrafi 1 u 3 tagħha, l-Artikolu 27(2), (3) u (4) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jipprovdi:

"1. Il-konsenja hija awtorizzata biss bil-kundizzjoni ġenerali li l-persuna rikjesta ma tkunx imfittxija, ikkundannata jew b'xi mod ieħor imċaħħda mil-libertà personali tagħha għal reati mwettqa qabel il-mument tal-konsenja tagħha u li għalihom ma kinitx suġġetta għall-konsenja, sakemm:

[…]

f) il-kunsens minn qabel tal-qorti jkun intalab u ngħata minn qabel minn din tal-aħħar.

[…]

3. Il-prosekutur għandu jitlob, mhux iktar tard mit-tielet jum wara li jirċievi t-talba mill-awtorità ġudizzjarja emittenti għall-kunsens imsemmija fil-paragrafu 1(f) jew fil-paragrafu 2(c), l-eżami tat-talba mill-qorti. Għal dan il-għan, il-prosekutur għandu jissottometti t-talba lill-qorti, bit-traduzzjoni mehmuża. Il-qorti għandha tagħti l-kunsens imsemmi fil-paragrafu 1(f) jew fil-paragrafu 2(c) fir-rigward tar-reati li għalihom, bis-saħħa ta' din il-liġi, il-konsenja setgħet tiġi awtorizzata. Id-deċiżjoni fuq talba tingħata fi kwalunkwe każ fi żmien sebgħa u għoxrin jum

[4] Stb. 2004, Nru 195.

minn meta tiġi rċevuta t-talba. Il-prosekutur għandu iġib minnufih id-deċiżjoni tal-qorti għall-attenzjoni tal-awtorità ġudizzjarja emittenti."

19. L-Artikolu 25(1) u (3), ta' din il-liġi, li tagħmel parti mill-Kapitolu II, Taqsima 2, intitolat "Proċedura ta' konsenja", Titolu C, intitolat "Deċiżjoni fuq il-konsenja", jipprovdi:

"1. Is-smigħ tal-persuna rikjesta għandu jkun pubbliku, sakemm din tal-aħħar ma titlobx li l-każ jiġi ttrattat bil-magħluq jew jekk il-qorti tordna dan għal raġunijiet serji msemmija fil-minuti tas-smigħ.

[…]

3. Matul din is-seduta, il-persuna mfittxija tista' tkun assistita mill-avukat tagħha.

[…]"

III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

A. Kawża C-428/21 PPU

20. Fit-13 ta' April 2021, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti ta' Budapest Kapitali, l-Ungerija) ressqet lill-awtoritajiet Olandiżi talba għall-kunsens għall-estensjoni tar-reati skont it-tifsira tal-Artikolu 27(3)(g), u (4) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 dwar HM, ċittadin Niġerjan li kien ġie kkonsenjat lill-awtoritajiet Ungeriżi bis-saħħa ta' MAE eżegwit fil-25 ta' Mejju 2020 u nżamm fl-Ungerija. Din it-talba kienet maħsuba biex tippermettilu li jiġi mħarrek għal reat li allegatament wettaq qabel il-konsenja tiegħu, minbarra dak li kien immotiva l-MAE.

21. Matul is-smigħ tiegħu, HM iddikjara li ma xtaqx jirrinunzja għall-protezzjoni mogħtija mir-regola ta' speċjalità prevista fl-Artikolu 27(3)(f) ta' din id-deċiżjoni qafas.

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam), adita fil-kuntest ta' talba għall-estensjoni tar-reati, wara li rrikonoxxiet id-dritt ta' HM li jinstema' fir-rigward tal-kunsens għall-estensjoni tar-reati, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tirreferi d-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 27(3)(g) u (4) tad-[Deċiżjoni Qafas], moqri fid-dawl tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

– huwa fl-Istat Membru emittenti li persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ b'rabta ma' talba għal kunsens għall-estensjoni tal-fatti, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' dan l-Istat Membru tismagħha dwar eventwali rinunzja mill-protezzjoni tar-regola ta' speċjalità msemmija fl-Artikolu 27(3)(f) [ta' din id-deċiżjoni] jew

– huwa fl-Istat Membru li preċedentement wettaq il-konsenja tagħha li din il-persuna għandha tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ, quddiem l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, fil-kuntest tal-proċedura marbuta mal-għoti tal-kunsens għall-estensjoni tal-fatti?

2) Jekk ikun fl-Istat Membru li preċedentement wettaq il-konsenja tagħha li l-persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ b'rabta ma' talba għal kunsens għall-estensjoni tal-fatti skont l-Artikolu 27(4) tad-[Deċiżjoni Qafas], b'liema mod għandu dan l-Istat Membru jippermettilha li tagħmel dan?"

B. Kawża C-429/21 PPU

23. Fit-3 ta' Mejju 2021, il-Prosekutur tal-Konings van het Parket van Brussel (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Brussell, il-Belġju) ressaq lill-awtoritajiet Olandiżi talba għal kunsens għal konsenja sussegwenti, fis-sens tal-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, dwar TZ, ċittadin Olandiż li kien ingħata lill-awtoritajiet Belġjani taħt MAE u li kien inżamm f'detenzjoni fil-Belġju. Din it-talba kellha l-għan li tippermetti li TZ jiġi kkonsenjat lill-awtoritajiet Ġermaniżi għall-prosekuzzjoni ta' reat li allegatament kien wettaq qabel il-konsenja tiegħu, minbarra dak li kien immotiva l-MAE Belġjan.

24. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam), adita fil-kuntest tat-talba għal konsenja sussegwenti, wara li rrikonoxxiet lil TZ id-dritt li jinstema' fir-rigward tal-konsenja sussegwenti, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 28(3) tad-[Deċiżjoni Qafas], moqri fid-dawl tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li

– huwa fl-Istat Membru emittenti, quddiem awtorità ġudizzjarja ta' dan l-Istat Membru, fil-kuntest ta' proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta' [MAE] maħruġ sussegwentement minn Stat terz għal fatti mwettqa qabel il-konsenja, li persuna kkonsenjata lill-Istat Membru emittenti u li tkun is-suġġett ta' dan il-[MAE] għandha tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ b'rabta ma' talba għal kunsens għal konsenja sussegwenti, skont l-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI jew

– huwa fl-Istat Membru li preċedentement wettaq il-konsenja tagħha li din il-persuna għandha tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ, quddiem l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, fil-kuntest tal-proċedura marbuta mal-għoti tal-kunsens għall-konsenja sussegwenti?

2) Jekk ikun fl-Istat Membru li preċedentement wettaq il-konsenja tagħha li l-persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ b'rabta ma' talba għal kunsens għall-konsenja sussegwenti skont l-Artikolu 28(3) tad-[Deċiżjoni Qafas], b'liema mod għandu dan l-Istat Membru jippermettilha li tagħmel dan?"

IV. Il-proċedura ta' urgenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Il-qorti tar-rinviju talbet li dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jkunu suġġetti għall-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Insostenn ta' din it-talba, hija argumentat li d-domandi preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' deċiżjoni qafas li taqa' taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE.

26. Fir-rigward tal-kriterju relatat mal-urġenza, fil-kuntest tal-Kawża C-428/21 PPU, il-qorti tar-rinviju indikat li, fid-data tat-talba għal deċiżjoni preliminari, HM kien tqiegħed f'detenzjoni preventiva fl-Ungerija. Din il-qorti osservat li, jekk tagħti l-kunsens tagħha għall-estensjoni tar-reati, huwa seta' wkoll jitqiegħed f'detenzjoni preventiva għal fatti addizzjonali, li jista' jwassal għal estensjoni tat-tul ta' din id-detenzjoni u piena iktar ħarxa fil-każ ta' kundanna. Min-naħa l-oħra, jekk din il-qorti tiċħad it-talba għall-estensjoni tar-reati, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru emittenti, bħala prinċipju, ma tkunx awtorizzata li tqiegħed lil HM f'detenzjoni preventiva għall-fatti msemmija f'din it-talba u, f'każ ta' kundanna, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' dak l-Istat Membru ma tkunx, bħala prinċipju, intitolata li teżegwixxi piena ta' priġunerija imposta għal dawn il-fatti. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari għandha impatt dirett u deċiżiv fuq it-tul tad-detenzjoni ta' HM fl-Ungerija.

27. Fil-kuntest tal-Kawża C-429/21 PPU, il-qorti tar-rinviju indikat li TZ kien ġie detenut fil-Belġju sakemm tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar it-talba għal kunsens għal konsenja sussegwenti lill-Ġermanja fid-dawl tal-eżekuzzjoni tal-MAE maħruġa kontrih mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Hija osservat li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha impatt fuq id-detenzjoni kontinwa fil-Belġju ta' din il-persuna.

28. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fid-29 ta' Lulju 2021, li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju għas-sottomissjoni taż-żewġ kawżi preżenti għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Hija ddeċidiet ukoll li tgħaqqad flimkien dawn il-kawżi għall-finijiet tal-fażijiet bil-miktub u orali tal-proċeduri kif ukoll tas-sentenza, u li tistaqsi mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub mill-Gvern Olandiż.

29. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Openbaar Ministerie (il-Prosekutur Pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi), il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea. Il-Gvern Olandiż wieġeb ukoll bil-miktub għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Prosekutur Pubbliku, il-Gvern Olandiż, Irlandiż, Franċiż u Ungeriż,, kif ukoll il-Kummissjoni għamlu sottomissjonijiet orali fis-seduta li nżammet fit-8 ta' Settembru 2021.

V. Analiżi

30. Il-qorti tar-rinviju, wara li rrilevat li d-dritt għal smigħ ta' persuna kkonsenjata fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali jifforma parti mid-drittijiet tad-difiża tagħha, li huma inerenti fid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva[5], tqajjem, f'dawn iż-żewġ kawżi, żewġ domandi preliminari: permezz tal-ewwel waħda, hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja f'liema Stat Membru din il-persuna għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha u, permezz tat-tieni waħda, trid tkun taf kif dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat fil-każ li hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

31. F'dan ir-rigward, nenfasizza mill-bidu li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tagħtix espliċitament lil persuna kkonsenjata d-dritt għal smigħ fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali u li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma indirizzatx din il-kwistjoni[6].

[5] F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:494, punt 87).

[6] Filwaqt li dan id-dritt kien ġie rrikonoxxut, għall-finijiet ta' kompletezza, mill-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:494, punti 84 sa 89), il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar din il-kwistjoni fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020, Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:953).

32. Għaldaqstant, qabel ma nibda neżamina ż-żewġ domandi preliminari, ser neżamina jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-deċiżjoni qafas, moqrija fid-dawl tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva sanċita fl-Artikolu 47 tal-Karta, għandhomx ikunu interpretati fis-sens li persuna kkonsenjata għandha d-dritt għal smigħ b'konnessjoni ma' talba għal kunsens addizzjonali.

A. Fuq id-dritt għal smigħ ta' persuna kkonsenjata fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali

33. Nirrileva li għalkemm, fil-kuntest tal-ħruġ ta' MAE, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tipprovdi, fl-Artikolu 14 tagħha, li l-persuna arrestata, meta ma tagħtix il-kunsens tagħha għall-konsenja tagħha, għandha d-dritt għal smigħ mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, din id-deċiżjoni qafas hija siekta dwar id-dritt għal smigħ tal-persuna diġà kkonsenjata dwar talba għal kunsens addizzjonali.

34. B'dan il-mod, inqis li interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqrija fid-dawl tal-għanijiet tagħha u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva sanċita fl-Artikolu 47 tal-Karta, tagħmilha possibbli li persuna kkonsenjata tiġi rrikonoxxuta d-dritt għal smigħ fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali.

35. Fl-ewwel lok, infakkar li għalkemm id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tistabbilixxi sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u bbażata fuq grad għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri [7], hija tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti fl-Artikolu 6 TUE u riflessi fil-Karta [8], b'mod partikolari fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tagħha.

36. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt għal smigħ fil-proċeduri kollha, li huma parti integrali tar-rispett għad-drittijiet tad-difiża, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, jiggarantixxi lil kulħadd il-possibbiltà li jgħarrfu, b'mod utli u effettiv, il-perspettiva tagħhom matul proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li aktarx taffettwa ħażin l-interessi tagħhom [9].

37. Fit-tieni lok, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-deċiżjoni li jingħata kunsens għall-estensjoni tar-reati hija distinta minn dik relatata mal-eżekuzzjoni ta' MAE u għandha, għall-persuna kkonċernata, effetti distinti minn dawk tal-aħħar deċiżjoni [10]. L-istess jgħodd, fil-fehma tiegħi, fir-rigward tad-deċiżjoni li jingħata kunsens għal konsenja sussegwenti.

38. Sussegwentement, skont l-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 28(3)(b) u (d) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jingħata kunsens addizzjonali meta r-reat li għalih huwa rikjest fih innifsu jinvolvi l-obbligu ta' konsenja taħt it-termini ta' din id-deċiżjoni qafas u jkun irrifjutat għall-istess raġunijiet tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorji jew fakultattivi bħal dawk previsti għall-MAE fl-Artikoli 3 u 4 tad-deċiżjoni qafas msemmija.

7 Ara l-premessi 5, 6 u 10 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

8 Ara l-premessa 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Sacko (C-348/16, EU:C:2017:591, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Sentenza tal-24 ta' Novembru 2020, Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:953, punt 60).

39. Fl-aħħar nett, bħall-proċedura relatata mal-eżekuzzjoni ta' MAE, dawk relatati mal-estensjoni tar-reati u mal-konsenja sussegwenti huma, kif tosserva l-qorti tar-rinviju u kuntrarjament għall-pożizzjoni adottata mill-Gvern Ungeriż matul is-seduta, ukoll ta' natura li tikser il-libertà tal-persuna kkonsenjata, minħabba li jirrigwardaw reat, minbarra dak li ġġustifika din il-konsenja, li jista' jwassal għal kundanna iktar ħarxa ta' din il-persuna [11].

40. Fl-opinjoni tiegħi, għalhekk, għandu jiġi stabbilit parallel bejn, minn naħa, id-dritt mogħti fuq l-ewwel konsenja u, min-naħa l-oħra, dak applikat fuq estensjoni tar-reati jew tal-konsenja sussegwenti u għall-konklużjoni li l-ħtieġa li tinstema' l-persuna kkonsenjata fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali hija bbażata fuq l-istess rekwiżiti bħal dawk li jiġġustifikaw id-dritt għal smigħ tagħha fir-rigward tal-konsenja inizjali tagħha [12].

41. Bħala konklużjoni, nikkunsidra li l-Artikolu 27(3)(g) u (4) kif ukoll l-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva sanċita fl-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li persuna kkonsenjata għandha tkun tista' tinstema' fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali.

42. Wara li ġie ppreċiżat dan, id-domandi preliminari li kienu saru mill-qorti tar-rinviju jikkonċernaw il-kwistjonijiet li wieħed ikun jaf f'liema Stat Membru u b'liema modalitajiet jista' jiġi eżerċitat id-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

43. L-ewwel domanda preliminari tikkonċerna l-kwistjoni f'liema Stat Membru persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali.

44. Wara li rrilevat li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma fiha l-ebda regola f'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju, fil-Kawża C-428/21 PPU, essenzjalment tipprevedi żewġ ipoteżi. L-ewwel waħda tipprovdi li l-persuna kkonsenjata tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fl-Istat Membru emittenti, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' dan l-Istat Membru tisma' lil din il-persuna dwar possibbli rinunzja għall-benefiċċju mir-regola tal-ispeċjalità msemmija fl-Artikolu 27(2) ta' din id-deċiżjoni qafas. It-tieni waħda tipprevedi li l-imsemmija persuna tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, fil-kuntest tal-proċedura relatata mal-għoti tal-kunsens. F'dan l-aħħar każ, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', skont din il-qorti, jew sempliċement tieħu konjizzjoni tal-proċess verbal tas-smigħ (fl-Istat Membru emittenti), jew iżżomm seduta.

45. Fil-Kawża C-429/21 PPU, din il-qorti tar-rinviju tikkunsidra wkoll żewġ ipoteżi. L-ewwel waħda tipprovdi li l-persuna kkonsenjata tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fl-Istat Membru emittenti, fil-kuntest tal-proċedura li tikkonċerna l-eżekuzzjoni tat-tieni MAE. It-tieni waħda tipprevedi li din il-persuna tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

[11] Ara s-sentenza tal-24 ta' Novembru 2020, Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:953, punt 62).

[12] Barra minn hekk, interpretazzjoni tal-Artikoli 27 u 28 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fis-sens li ma jagħrfux id-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali, filwaqt li l-Artikolu 14 ta' din id-deċiżjoni qafas jagħti dan l-istess dritt lill-persuna arrestata fir-rigward ta' (l-ewwel) talba ta' konsenja, toħloq disparitajiet mhux iġġustifikati bejn żewġ sitwazzjonijiet komparabbli u ta' tbatija ugwali għall-persuna kkonċernata, u tista' tpoġġi fid-dubju l-kompatibbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet mad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonsenjata.

46. Ninnota mill-bidu li d-domanda preliminari ma hijiex limitata għall-punt dwar f'liema Stat Membru, mifhum bħala post fiżiku, il-persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha, iżda tikkonċerna prinċipalment il-kwistjoni fir-rigward ta' liema qorti ta' liema Stat Membru l-persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha [13].

47. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, infakkar li, fis-sens tal-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li għalihom hemm riferiment fl-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 28(3)(d) ta' din id-deċiżjoni qafas, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha tivverifika li ma hemm l-ebda raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja tal-MAE, li tkun tinkludi wkoll ir-rifjut tal-kunsens addizzjonali. Anki meta jitqies il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti ma hijiex kompetenti biex tiddeċiedi fuq ir-raġunijiet għar-rifjut tal-kunsens addizzjonali. Għalhekk hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha l-obbligu li tisma' l-persuna kkonsenjata dwar din il-kwistjoni, skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni [14].

48. Għaldaqstant, jidhirli li huwa imperattiv li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, f'din il-kawża l-awtorità ġudizzjarja Olandiża, tkun, għall-inqas, involuta fil-proċeduri li fihom il-persuna kkonsenjata teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha, meta din il-proċedura iseħħ fl-Istat Membru emittenti, f'dan il-każ, rispettivament fil-Kawżi C-428/21 PPU u C-429/21 PPU, l-Ungerija u l-Belġju, skont il-modalitajiet eżaminati b'risposta għat-tieni domanda preliminari.

49. Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni u kuntrarjament għal dak li kien previst mill-qorti tar-rinviju fl-ewwel ipoteżi tagħha, niddubita jekk il-persuna kkonsenjata tistax, *sic et simpliciter*, teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fl-Istat Membru emittenti meta l-awtorità ġudizzjarja ta' dan l-Istat Membru tismagħha dwar rinunzja possibbli tal-benefiċċju tar-regola tal-ispeċjalità jew meta t-tieni awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni tat-tieni MAE.

50. Fil-fatt, minħabba li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tibqa' kompetenti fir-rigward tal-proċedura ta' kunsens addizzjonali, irregolata mid-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, jidhirli ovvju li l-eżerċizzju tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata għandu jippermettilha li tipprovdi lil din l-awtorità bil-pożizzjoni tagħha dwar l-estensjoni tar-reati jew il-konsenja sussegwenti skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Kif tosserva ġustament il-qorti tar-rinviju, fil-Kawża C-428/21 PPU, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti ma hijiex kompetenti biex tiddeċiedi dwar l-estensjoni tar-reati u, fil-Kawża C-429/21 PPU, il-qafas li fih

[13] Dan joħroġ ukoll, impliċitament, mid-deskrizzjoni tal-ipoteżi alternattivi previsti mill-qorti tar-rinviju, meta din tal-aħħar tikkunsidra l-possibbiltà li, fil-Kawża C-428/21 PPU, il-persuna kkonsenjata tkun tista' tinstema' "fl-Istat li wettaq il-konsenja" u li dan id-dritt jiġi eżerċitat "fejn l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni […] tista' tieħu konjizzjoni ta' proċess verbal ta' smigħ" (fl-Istat Membru emittenti).

[14] Kif innota l-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-pożizzjoni tiegħu fil-kawża West (C-192/12 PPU, EU:C:2012:322, punt 87), ir-rekwiżit għall-kunsens tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għal kwalunkwe konsenja sussegwenti, fil-każ sempliċi kif espressament ifformulat fl-Artikolu 28(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, essenzjalment għandu l-għan li jippermetti lil dak l-Istat Membru jżomm fehim tat-tifsira u l-iskop tal-konsenja ta' persuna lil Stat Membru ieħor, b'mod partikolari bħala Stat Membru li jiggarantixxi fl-ewwel istanza r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuna suġġetta għall-konsenja u r-restrizzjonijiet li dan inevitabbilment jinvolvi. Jekk din il-pożizzjoni tikkonċerna l-ipoteżi tal-kunsens għal konsenja sussegwenti, l-istess prinċipju japplika, fl-opinjoni tiegħi, għall-ipoteżi tal-kunsens għall-estensjoni tar-reati.

it-tieni awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni tat-tieni MAE ma huwiex neċessarjament l-istess bħal dak li fih l-ewwel awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tiddeċiedi dwar konsenja sussegwenti [15].

51. Barra minn hekk, il-fatt li, f'ċerti sitwazzjonijiet, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tippermetti lill-persuna kkonsenjata li tirrinunzja għar-regola tal-ispeċjalità wara konsenja jew tagħti l-kunsens tagħha għal konsenja sussegwenti quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru emittenti u skont id-dritt tiegħu [16], fl-opinjoni tiegħi, ma jipprekludix din il-konklużjoni. Fil-fatt, din il-possibbiltà, li tidderoga mir-regola li din ir-rinunzja għar-regola tal-ispeċjalità jew il-kunsens għall-konsenja normalment isiru quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni [17], hija ġġustifikata mill-preżenza ta' din il-persuna fl-Istat Membru emittenti u bil-fatt li, f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn id-"deċiżjoni" tappartjeni biss lill-persuna kkonsenjata, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppermetta, għall-finijiet ta' effiċjenza, li din tal-aħħar tista' teżerċita quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti drittijiet li normalment teżerċita quddiem l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni.

52. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kwistjoni tal-istabbiliment tal-post fejn il-persuna kkonsenjata għandha tkun tista' tinstema', nosserva, bħala punt preliminari, li, bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi, b'mod preliminari, dwar l-interpretazzjoni ta' trattati jew dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-organi tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal każijiet konkreti, *a fortiori* l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali adottati fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri matul l-implimentazzjoni tal-qafas legali tal-Unjoni, taqa' prinċipalment fuq il-qrati nazzjonali [18]. Madankollu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li tispeċifika l-qafas ġenerali u li tipprovdi, fejn xieraq, indikazzjonijiet dwar il-kompatibbiltà tal-istrumenti legali disponibbli mad-dritt tal-Unjoni.

53. Wara li ġie ppreċiżat dan, inqis li, fin-nuqqas ta' regoli f'dan is-sens fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-modalitajiet prattiċi għall-eżerċizzju tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u l-Istat Membru emittenti, fl-osservanza tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, filwaqt li jitqies li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija kompetenti biex tadotta deċiżjoni dwar kunsens addizzjonali u li kwalunkwe arranġament bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kkonċernati għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonsenjata u, b'mod partikolari, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

54. Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 stess tipprovdi eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Għalhekk, l-Artikolu 19(2) ta' din id-deċiżjoni qafas jipprovdi li s-smigħ ta' persuna mfittxija sakemm tittieħed deċiżjoni dwar MAE jsir, skont id-dritt tal-Istat Membru ta'

[15] Għall-istess raġunijiet, inqis li l-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:494, punt 90), skont liema rispett għad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest ta' talba għal kunsens addizzjonali jista' jieħu l-forma ta' smigħ organizzat fl-Istat Membru emittenti bħala parti mill-proċedura prevista fl-Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jew il-possibbiltà li ssir oppożizzjoni għal din l-estensjoni quddiem l-awtorità emittenti bħala formalità minn qabel biex din tal-aħħar tibgħat it-talba lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, għandha tinftiehem fis-sens li, ladarba l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tibqa' kompetenti fir-rigward tal-proċedura ta' kunsens addizzjonali, id-dritt tal-persuna kkonsenjata biex tinstema' ma jistax sempliċement jiġi eżerċitat quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti iżda jeħtieġ, għall-inqas, involviment tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni.

[16] Ara, rispettivament, l-Artikolu 27(3)(f) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, applikabbli meta persuna ma tkunx diġà rrinunzjat għar-regola tal-ispeċjalità quddiem l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 28(2)(b) ta' din id-deċiżjoni qafas.

[17] Ara l-Artikolu 13(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

[18] Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Van Ameyde España (C-923/19, EU:C:2021:125, punti 49 u 50).

eżekuzzjoni, "bil-kondizzjonijiet stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji li joħorġu u dawk li jesegwixxu", u l-Artikolu 31(2) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw il-ftehim jew l-arranġamenti bilaterali jew multilaterali fis-seħħ meta l-istess deċiżjoni qafas tiġi adottata jew jikkonkludu ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, sa fejn dawn il-ftehim jew arranġamenti eżistenti jew ġodda jippermettu li jiġi approfondit jew imwessa' l-kontenut ta' din id-deċiżjoni qafas u jikkontribwixxu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw iktar il-proċeduri għal konsenja ta' persuni li huma suġġetti għal MAE.

55. Barra minn hekk, il-possibbiltà li d-determinazzjoni tal-modalitajiet prattiċi tal-eżekuzzjoni titħalla f'idejn ftehim bejn l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni u l-awtorità ġudizzjarja emittenti hija skont in-natura u l-loġika tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni [19], kif ukoll fl-ispirtu tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li tistabbilixxi sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u bbażata fuq grad ta' fiduċja għoli bejn l-Istati Membri [20].

56. Rigward, b'mod iktar partikolari, l-ipoteżi previsti mill-qorti tar-rinviju, minn naħa, inqis li xejn fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni ma jipprekludi, skont it-tieni ipoteżi prevista mill-qorti tar-rinviju, il-persuna kkonsenjata milli tinstema' mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, fil-kuntest tal-proċedura relatata mal-għoti tal-kunsens addizzjonali, għalkemm il-preżenza ta' din il-persuna fl-Istat Membru emittenti u d-detenzjoni tagħha, bħal fil-proċeduri prinċipali, jagħmlu din is-soluzzjoni, li mil-lat astratt tkun l-iktar immedjata [21], partikolarment oneruża fil-prattika għall-awtoritajiet u l-persuna kkonċernata.

57. Min-naħa l-oħra, nikkunsidra li r-regoli rilevanti tal-Unjoni ma jipprekludux lill-persuna kkonsenjata milli tinstema' wkoll fl-Istat Membru emittenti. Il-fatt li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija kompetenti biex tittratta talba għal kunsens addizzjonali b'konformità mad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni japplika għal din it-talba ma jfissirx li l-persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha neċesarjament fit-territorju ta' dan l-aħħar Stat Membru.

58. Fil-fatt, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, id-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif diġà ġie rrilevat, tistabbilixxi sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u bbażata fuq grad ta' fiduċja għoli bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikoli 27 u 28 ta' din id-deċiżjoni qafas, peress li jistabbilixxu regoli li jidderogaw mill-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, ma jistgħux jiġu interpretati b'mod li jirriżulta fin-newtralizzazzjoni tal-għan segwit minn din id-deċiżjoni qafas, li jikkonsisti fil-faċilitazzjoni u t-tħaffif tal-konsenji bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, wara li titqies il-fiduċja reċiproka li għandha teżisti bejniethom [22]. Is-soluzzjoni opposta tinvolvi, *de facto*, l-introduzzjoni mill-ġdid ta' proċeduri onerużi ħafna, bħal dawk applikabbli fi kwistjonijiet ta' estradizzjoni, li tikkompromett l-effettività tal-mekkaniżmu introdott mill-istess deċiżjoni qafas 2002/584.

[19] Ara, bħala eżempju, l-Artikolu 22(5) u l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU 2014, L 130, p. 1).

[20] Ara l-premessi 6 u 10 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

[21] Fid-dawl tal-fatt li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha ġurisdizzjoni, b'konformità mad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, f'dak li jikkonċerna d-deċiżjoni dwar il-kunsens addizzjonali.

[22] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2020, Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof (Prinċipju ta' speċjalità) (C-195/20 PPU, EU:C:2020:749, punt 35).

59. F'dan il-kuntest, inqis ukoll li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li s-smigħ tal-persuna kkonsenjata b'konnessjoni ma' talba għal kunsens addizzjonali jseħħ matul il-proċedura relatata mar-rinunzja eventwali tar-regola tal-ispeċjalità jew l-aċċettazzjoni tal-konsenja sussegwenti [23], sakemm dan is-smigħ ikun distinti b'mod ċar minn dawn iż-żewġ proċeduri u li l-persuna kkonċernata tkun informata li l-pożizzjoni tagħha dwar it-talba għal kunsens addizzjonali hija indirizzata lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni u se tiġi ttrattata skont id-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

60. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li nirrispondi għall-ewwel domanda preliminari li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'mod partikolari l-Artikolu 27(3)(g) u (4) kif ukoll l-Artikolu 28(3) tagħha, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandha tiġi interpretata fis-sens li persuna kkonsenjata wara l-eżekuzzjoni tal-ewwel MAE għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali fir-rigward tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tittratta din it-talba, indipendentement minn jekk din il-persuna tinstemax fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jew fl-Istat Membru emittenti.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

61. It-tieni domanda preliminari tirrigwarda l-kwistjoni ta' kif il-persuna kkonsenjata għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali, fil-każ li din il-persuna għandha tkun tista' teżerċita dan id-dritt fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

62. Fiż-żewġ kawżi prinċipali, il-qorti tar-rinviju tispeċifika li l-persuni kkonsenjati ma kinux ġew konvokati u ma kinux preżenti għat-trattazzjoni tat-talbiet għal kunsens addizzjonali, u li l-ebda avukat ma intervjena sabiex jirrappreżentahom. Fil-Kawża C-428/21 PPU, din il-qorti tippreċiża wkoll li mat-talba għall-kunsens għall-estensjoni tar-reati kien ġie mehmuż proċess verbal tas-smigħ, minn awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti (l-Ungerija), tal-persuna, kkonsenjata li allegatament kienet iddikjarat li ma riditx tirrinunzja għall-benefiċċju tar-regola tal-ispeċjalità.

63. Bħala punt preliminari, nixtieq infakkar li l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal każijiet konkreti hija essenzjalment kwistjoni għall-qrati nazzjonali, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tipprovdi, fejn xieraq, indikazzjonijiet dwar il-kompatibbiltà tal-istrumenti legali disponibbli mad-dritt tal-Unjoni [24].

64. Wara li ġie ppreċiżat dan, bħal dak li jien rrilevajt b'risposta għall-ewwel domanda [25], inqis li, fin-nuqqas ta' regola speċifika, il-modalitajiet ta' eżerċizzju tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali għandhom jiġu rregolati bi ftehim bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kkonċernati tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u l-Istat Membru emittenti, fl-osservanza tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, wara li jitqies il-fatt li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija kompetenti biex tadotta deċiżjoni ta' kunsens addizzjonali u li kwalunkwe arranġament bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kkonċernati għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonsenjata u, b'mod partikolari, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

[23] Taħt, rispettivament, l-Artikolu 27(3)(f) u l-Artikolu 28(2)(b) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

[24] Ara l-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[25] Ara l-punti 53 sa 55 ta' dawn il-konklużjonijiet.

65. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-modalitajiet konkreti ta' eżerċizzju tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata fir-rigward ta' talba għal kunsens addizzjonali, fl-ewwel lok, inqis li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jsibu appoġġ, sa fejn ir-regolamenti nazzjonali jippermettu, minn strumenti oħra li jiffurmaw il-kuntest ġuridiku relatat mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni. Dan il-kuntest jista' jipprovdi punt ta' riferiment għal dawn l-awtoritajiet, billi jevita li d-diversità ta' standards applikabbli jew id-duplikazzjoni, mhux xierqa u li tieħu ħafna ħin, tal-garanziji tal-persuna kkonsenjata fiż-żewġ Stati Membri kkonċernati b'talba għal kunsens addizzjonali tista' tikkomprometti l-effettività tal-mekkaniżmu tal-MAE [26].

66. Fost dawn l-istrumenti, l-ewwel nett, nixtieq nindika t-trasferiment temporanju tal-persuna kkonsenjata, kif previst b'mod partikolari fl-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva 2014/41 għall-finijiet tat-twettiq ta' miżura investigattiva Ewropea f'materji kriminali importanti [27], għalkemm din hija miżura partikolarment oneruża għall-awtoritajiet ikkonċernati. L-istess jgħodd, fl-opinjoni tiegħi, fir-rigward tar-rilokazzjoni possibbli tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni lejn l-Istat Membru emittenti sabiex tinstema' l-persuna kkonsenjata.

67. Sussegwentement, nirreferi għall-mekkaniżmi tat-trażmissjoni awdjoviżiva, u b'mod partikolari għall-vidjokonferenzi. L-użu ta' dawn l-istrumenti huwa previst b'mod partikolari fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/41, li jippermetti lil awtorità ġudizzjarja toħroġ deċiżjoni ta' investigazzjoni Ewropea sabiex tisma', bħala persuna ssuspettata jew akkużata, persuna li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Mingħajr ma nixtieq nindaħal fil-prerogattivi tal-awtoritajiet nazzjonali, jidhirli li dan l-istrument huwa partikolarment xieraq biex jippermetti lill-persuna kkonsenjata, li tinsab fl-Istat Membru emittenti, teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, qabel ma din tiddeċiedi fuq il-talba għal kunsens addizzjonali, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi ttrasferita lejn l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni [28].

68. Fl-aħħar nett, nikkunsidra li, f'sitwazzjonijiet bħal dawn inkwistjoni, id-dritt tal-Unjoni lanqas ma jipprekludi li d-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata jiġi eżerċitat permezz ta' użu tal-proċedura bil-miktub. Din il-proċedura hija prevista b'mod partikolari fl-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/343 [29] li, filwaqt li tistabbilixxi fil-paragrafu 1 tagħha, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ssuspettati u akkużati għandhom id-dritt li jkunu preżenti fil-proċess tagħhom, jiddikjara, fil-paragrafu 6 tiegħu, li dan l-artikolu huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li jipprovdu li l-proċedura jew ċerti partijiet minnha jsiru bil-miktub, sakemm id-dritt għal smigħ xieraq jiġi rrispettat.

[26] Infakkar, f'dan ir-rigward, li, fis-sens tal-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 28(3)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, id-deċiżjoni dwar it-talba għal kunsens addizzjonali tittieħed mhux iktar tard minn tletin jum wara li tasal din it-talba.

[27] Inqis li, indipendentement mill-applikabbiltà ta' din id-direttiva għall-każ inkwistjoni, ikkontestata mill-awtoritajiet Olandiżi u mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħhom, xejn ma jimpedixxi lill-awtoritajiet nazzjonali milli jużaw dan l-istrument fil-proċeduri ta' implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-MAE.

[28] Nosserva li d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni mill-bogħod, bħall-vidjokonferenzi, hija fost l-għanijiet segwiti mill-Unjoni biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi ġudizzjarji u l-kapaċità tagħhom li jaħdmu online, u li l-Kummissjoni beħsiebha tagħmel id-diġitalizzazzjoni l-għażla standard fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transkonfinali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni (ara b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2020)710 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tat-2 ta' Diċembru 2020, Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea – Strumentarju ta' opportunitajiet). Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni għall-ġustizzja online Ewropea għall-perijodu 2019-2023 (ĠU 2019, C 96, p. 9) jikkwota fost il-prijoritajiet tiegħu l-użu tal-vidjokonferenzi fil-proċeduri transkonfinali.

[29] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1).

69. Fl-opinjoni tiegħi, proċedura bħal din tista' tippermetti lill-persuna kkonċernata tesprimi ruħha u lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tieħu deċiżjoni infurmata dwar it-talba għal kunsens addizzjonali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà, għal dik l-awtorità, li titlob informazzjoni addizzjonali mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru emittenti skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

70. Interpretazzjoni bħal din tad-Deċiżjoni Qafas jidhirli wkoll li hija konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"QEDB") dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), li jikkorrispondi miegħu t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta [30].

71. Fil-fatt, skont il-QEDB, il-proċedura ta' estradizzjoni, li minnha essenzjalment tirriżulta s-sistema tal-MAE, ma tfissirx tilwima dwar id-drittijiet u l-obbligi ċivili ta' rikorrent u lanqas ma għandha x'taqsam mal-fondatezza ta' akkuża kriminali fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB [31]. Fi kwalunkwe każ, il-QEDB rrilevat li l-Artikolu 6(1) tal-KEDB ma jimponix obbligu assolut li jsir smigħ pubbliku u mhux neċessarjament jeħtieġ li jsir smigħ fil-proċeduri kollha [32]. F'dan ir-rigward, filwaqt li huwa veru li d-dritt tal-Unjoni jista', skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, jagħti protezzjoni iktar estensiva minn dik li toħroġ minn dan l-Artikolu 6(1), il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet din il-ġurisprudenza tal-QEDB, filwaqt li tispeċifika li, bl-istess mod, la t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u lanqas xi dispożizzjoni oħra tagħha ma jimponu obbligu bħal dan [33].

72. Fit-tieni lok, inżid ngħid li, indipendentement mill-modalitajiet prattiċi ta' eżekuzzjoni tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata, huwa imperattiv li jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiġi żgurat, fiċ-ċirkustanzi kollha, li l-garanzija hija eżerċizzju effettiv tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonsenjata. Dawn is-salvagwardji jirrigwardaw prinċiplament, fil-fehma tiegħi, id-dritt ta' aċċess għal avukat, kif ukoll aċċess għall-interpretazzjoni jew għat-traduzzjoni ta' atti ta' proċedura essenzjali [34], meta l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ikun meħtieġ.

73. B'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess għal avukat huwa previst b'mod partikolari, fi proċeduri relatati mal-MAE, fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2013/48/UE [35]. Din id-dispożizzjoni tinkludi, l-ewwel nett, id-dritt ta' aċċess effettiv għal avukat, imbagħad, id-dritt li wieħed jiltaqa' u jikkomunika miegħu u, fl-aħħar, id-dritt għall-preżenza ta' dan l-avukat u għall-parteċipazzjoni tiegħu waqt is-smigħ tal-persuna kkonċernata.

30 Ara l-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17).

31 Ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, il-QEDB, tal-4 ta' Settembru 2014, Trabelsi vs Il-Belġju (CE:ECHR:2014:0904JUD000014010, punt 160 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Dan huwa partikolarment il-każ għal kawżi li ma jqajmux kwistjoni ta' kredibbiltà jew li ma joħolqux kontroversja dwar il-fatti li kienu jkunu jeħtieġu smigħ u li għalihom il-qrati jistgħu jiddeċiedu b'mod xieraq u raġonevoli fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-partijiet, u eżebiti oħra (QEDB, 23 ta' Novembru 2006, Jussila vs Il-Finlandja (CE:ECHR:2006:1123JUD007305301, punt 41).

33 Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Andechser Molkerei Scheitz vs Il-Kummissjoni (C-682/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:356, punt 44).

34 F'dan il-każ, b'mod partikolari, l-akkuży l-ġodda li fuqhom hija bbażata t-talba għall-estensjoni tar-reati jew għal konsenja sussegwenti.

35 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1). Din id-direttiva, kif iddikjarat fl-Artikolu 1 tagħha, tiddefinixxi b'mod partikolari regoli minimi li jikkonċernaw id-drittijiet li jgawdu persuni suġġetti għal proċeduri tal-MAE li jkollhom aċċess għal avukat.

74. Barra minn hekk, huwa importanti, fl-opinjoni tiegħi, li, fil-każ li l-persuna kkonsenjata teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti fin-nuqqas tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja, id-dikjarazzjonijiet ta' din il-persuna jiġu rreġistrati fi proċess verbal, li għandu jintbagħat lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, li minnu jidher li l-persuna msemmija ġiet espressament mistiedna tiddeċiedi dwar it-talba għal kunsens addizzjonali [36].

75. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda preliminari tkun li l-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-persuna kkonsenjata teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha, fir-rigward ta' talba għall-kunsens għall-estensjoni tar-reati jew għall-konsenja sussegwenti, fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat skont modalitajiet miftiehma b'mod reċiproku bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti u tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, sakemm jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.

VI. Konklużjoni

76. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

1) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009, b'mod partikolari l-Artikolu 27(3)(g) u (4) u l-Artikolu 28(3) tagħha moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens li persuna kkonsenjata wara l-eżekuzzjoni tal-ewwel mandat ta' arrest Ewropew għandha tkun tista' teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fir-rigward ta' talba għall-kunsens mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għall-estensjoni tar-reati jew għall-konsenja sussegwenti, fir-rigward tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni kompetenti biex tittratta din it-talba, indipendentement mill-fatt li l-persuna kkonsenjata tinstema' fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jew fl-Istat Membru emittenti.

2) L-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 28(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-persuna kkonsenjata teżerċita d-dritt għal smigħ tagħha fir-rigward ta' talba għall-kunsens għall-estensjoni tar-reati jew għal konsenja sussegwenti fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat skont modalitajiet miftiehma b'mod reċiproku bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti u tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, sakemm jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.

[36] F'dan ir-rigward, inqis li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix dan il-proċess verbal milli jkun l-istess bħal dak li jikkonċerna l-proċedura relatata mar-rinunzja eventwali tar-regola tal-ispeċjalità jew tal-aċċettazzjoni ta' konsenja sussegwenti, sakemm iż-żewġ aspetti jkunu distinti b'mod ċar.